**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Simone Grech B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Emanuel Borg**

**Illum 4 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra Emanuel Borg, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 516776M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

> *"Talli nhar il-15/1/2018 ghal habta ta' 8.40 hrs u u/jew fid-dati, hinijiet jew xhur ta' qabel dan, b' diversi atti maghmula minnek li gew maghmula fi zminijiet diferenti pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda*
>
> *U aktar talli nhar is-17/1/2018 u/jew fid-dati, hinijiet jew xhur ta' qabel dan mingghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita' tieghek innifsek lil xi xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni*

*tkun li tkun jew fixkilt lil Joran Jovanski fil-pussess ta' hwejjgu b' xi mod iehor kontra il-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.*"

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lil hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda kollha mressqa kif ukoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-akkuza tiffigura l-offiza tar-ragion fattasi ai termini ta' l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dik tar-reat kontinwat ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Principji legali - Raggion Fattasi</u>**

Illi Emanuel Borg jinsab akkuzat bir-reat ta' ragion fattasi hekk kif kontemplat taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid hekk:

> *85. Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:*
> *Izda, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa.*

Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:

> *"1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*
> *2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*
> *3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*
> *4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Bartolo** nhar id-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) inqtal hekk:

> *"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*
> *(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*
> *(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*
> *(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*
> *(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia**"[17.2.95] ; "**Il-Pulizija vs. Reno Micallef**"[6.6.95] ; "**Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn**)."*

Ta' l-istess portata kienet id-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mario Lungaro</u>** fit-18 ta' Novembru 1996:

> *"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi: "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra lopposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, **<u>Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc.</u>**, Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **<u>Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia</u>**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **<u>Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia</u>**, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; **<u>Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar</u>**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **<u>Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta)</u>**, 1872, p. 123)."*
>
> *Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti tqis illi fil-kliem tal-ligi nfisha biex jissussisti r-reat tar-ragion fattasi jinhtieg li l-imputat "*ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu.*" Fi kliem iehor jinhtieg att estern li jispolja lil haddiehor minn oggett li jkun qieghed igawdi. Jekk il-pussess ikun diga' qieghed ghand l-imputat u l-imputat jaghzel li jzomm dan il-pussess, ma jkun qieghed jaghmel l-ebda att estern li permezz tieghu inehhi l-oggett mill-pussess tat-terz u jimpussessa ruhu minnu. L-imputat ma jkun fixkel lil hadd mill-pussess ta' hwejjgu ghax pussess ma jkunx kellu. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said** deciza fid-19 ta' Gunju 2002 il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali spjegat li:

> *"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (**Prog. Parte Speciale** Vol 5 para 2850):-*
> *'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u gurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' ragion fattasi li minnu l-leġislatur Malti kien ġie kjarament ispirat, li tgħallem li ż-żamma jew rifjut ta' konsenja ta' oġġetti per se ma twassalx għal dan ir-reat ta' ragion fattasi. Skont il-Maino, "*E per parita` di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire".*(**Codice per il Regno d'Italia**, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

**Ikkunsidrat;**

**Fattispecie tal-kaz**

Mill-provi prodotti, jirrizultaw is-segwenti fatti:

i. Il-parte civile Goran Jovanoski beda jaghmel xi xogholijiet fil-fond bin-numru 17, Sqaq Rosario, Gharghur, liema fond huwa proprjeta ta' Emanuel Borg.
ii. Ix-xogholijiet waqfu bejn il-15 u s-17 ta' Gunju 2017 minhabba xi lmenti li kienu saru dwar irregolaritajiet waqt l-istess xoghol ta' zvilupp.
iii. Il-parte civile allegatament halla varji ghodda fl-istess proprjeta' u dana sakemm isir ftehim dwar b' liema mod kellhom jitkomplew ix-xogholijiet.
iv. Ghal xi raguni, l-inkarigu moghti lil parte civile ma tkompliex u l-ghodda baqghu fil-proprjeta' ta' Emanuel Borg.
v. Il-parte civile talab lil Emanuel Borg sabiex jaghtih lura l-ghodda li halla fil-post izda Borg talab li tigi ffirmata skrittura bhala rcevuta li l-ghodda gew ritornati lill-istess parte civile.
vi. Il-parte civile rrifjuta li jiffirma tali dikjarazzjoni u ghalhekk sar rapport mal-pulizija mill-istess parte civile fil-konfront ta' Emanuel Borg.
vii. Bl-intervent tal-pulizija, gew ritornati *wheelbarrow*, tavluna, *winch* u pala.
viii. Il-parte civile ffirma dikjarazzjoni li l-oggetti gew ritornati lura lilu u li ma ghandux pretensjonijiet iktar fir-rigward ta' Emanuel Borg.
ix. Madanakollu, il-parte civile baqa' jinsisti li Emanuel Borg zamm ghandu xi ghodda ohra.
x. Da parti tieghu, Emanuel Borg sostna li huwa ma baqalux ghodda appartenenti lil parte civile u li kollox gie ritornat lil parte civile.

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz prezenti, din il-Qorti tqies li l-akkuza ta' raggion fattasi ma gietx sodisfacentement ippruvata *beyond reasonable doubt.* Dan ghal diversi ragunijiet:

Fl-ewwel lok, hemm it-trapass twil ta' zmien li ghadda bejn meta thalliet l-allegata ghodda gewwa l-post ta' Borg ossia l-ahhar ta' Gunju/bidu ta' Lulju 2017 u z-zmien li sar ir-rapport mal-pulizija u cioe' 17 ta' Jannar 2018.

Fit-tieni lok, jidher li din il-kwistjoni nqalghet wara li Emanuel Borg ghamel rapport mal-pulizija fejn il-parte civile ntalbet tirritorna lura c-cwievet tal-post proprjeta' ta' Emanuel Borg. Dan jirrizulta mill-kontenut tal-kwerela ezebita bhala Dok RS2. Kien wara dan l-istess rapport, li l-parte civile ghamel rapport fejn allega li halla xi ghodda tieghu fil-fond u li Borg irrifjuta li jaghtih dawn l-ghodda lura.

Fit-tielet lok, l-ghodda li allegatament ghadhom fil-pussess ta' Emanuel Borg ma gewx definiti b' mod car u preciz. Fil-kwerela esebita bhala Dok RS2, jissemmew "*fosthom wheelbarrows, winch, travetti u ghodda ohra.*" Fir-rapport li sar mal-pulizija ezebit bhala Dok RS1, il-parte civile kienet sostniet li l-ghodda kienet "*fosthom winch, travetti, tavluni, wheelbarrow u extension, 5 jumbo bags, 2 jacks, baqqun, zappun u martell.*" Imbaghad aktar tard, ossija fit-2 ta' Frar 2018, il-parte civile sostna li kien ghad fadallu jiehu oggetti ohra "*bhal travetti, jacks/props, injam, jumbo bags, 1 shovel, fis, extension tad-dawl u turnavit u baqqun u ghoddod simili ohra.*" Fix-xhieda moghtija viva voce, il-parte civile semma *"four or five travetti, there will be it' s kind of shutter, it's a wood, that is used to support certain construction. There is the jacks, props, over there. And there should be ….a fies, another fies too, and there should be a zappuna I think it is the name …Plus there would be the extensions, the pliers, there would be the loose tools."* Fil-lista esebita bhala Dok JG 2, hemm imnizzla "*winch, travetti, jacks/props, wood, plunks/tavluna, jumbo bags, wheel barrow, shovels large, baqqun large, fis, extension electrical, tools loose/screwdriver/baqqun small.*"

Fir-raba' lok, irrizulta li Emanuel Borg dejjem kien lest li l-parte civile tigbor lura l-ghodda li halliet hemm tant li l-istess parte civile kkonfermat li Borg kien informa lil ufficjali tal-pulizija li "*I want the key back and he can come anytime to collect the tools.*" In fatti, l-istess parte civile ammetta fix-xhieda tieghu li huwa ma kienx lest li jiffirma l-ebda dikjarazzjoni dwar l-ghodda li kien halla fil-post. Sussegwentement, wara l-intervent tal-pulizija, l-ghodda li kien hemm fil-proprjeta' ta' Borg giet ritornata lura lil parte civile fil-prezenza tal-ufficjali tal-pulizija.

Fil-hames lok, hemm konflitt fil-verzjonijiet moghtija peress li l-parte civile tinsisti li certa ghodda (ghalkemm ma gewx ezattament identifikati) thallew fil-proprjeta' ta' Borg u baqghu ma gewx ritornati,

mentri Borg insista li ma ghad fadal l-ebda ghodda appartenenti lil parte civile fil-proprjeta' tieghu. Xhin il-parte civile acceda fuq il-post in kwistjoni flimkien ma' l-ufficjali tal-pulizija, huwa ma osservax xi ghodda ohra li kienet tieghu u li kellha tigi ritornata lilu. Dan jirrizulta mill-kontroezami maghmul lill-istess parte civile.

Fis-sitt lok, Emanuel Borg spjega li waqt li l-parte civile kien qed jahdem fil-proprjeta' tieghu, kien hemm haddiema ohra. L-istess Borg ikkonferma wkoll li dahlu xi terzi persuni ohra biex jahdmu fil-post proprjeta' tieghu; fatt li gie wkoll ikkonfermat mill-parte civile durante l-kontro-ezami. Dan il-fatt gie wkoll spjegat lil ufficjali tal-pulizija li kienu qed jinvestigaw dan il-kaz tant li gie mnizzel anke fir-rapport ippreparat mill-istess ufficjali tal-pulizija.

Fis-seba' lok, giet ezebita skrittura ffirmata mill-parte civile fejn dan iddikjara li :

> *"I, Mr Goran Jovanoski holder of identity card numbered 0054499M declare that I have collected all my belongings which were in possession of Mr Manuel Borg holder of identity card numbered 516776M.*
>
> *I further declare without reservation, that I have no rights or pretentions against the said Mr Manuel Borg." (*Dok EB1)

Finalment, *dato ma non concesso* li ghad fadal xi ghodda fil-proprjeta' ta' Borg u li baqghu ma gewx ritornati lil parte civile, jibqa' l-fatt krucjali li l-allegata ghodda kienet fil-proprjeta' ta' Emanuel Borg u kienet ilha hemm sa minn Gunju/Lulju 2017. Ghalhekk, ma hemmx agir li jammonta ghal spussessament ta' hwejjeg li kienu fil-pussess tal-parte civile. Li ghamel se mai l-imputat kien li zamm f' idejh hwejjeg li kienu fil-pussess tieghu u mhux li nehhihom mill-pussess tal-parte civile. Skont il-Maino fuq citat, dan ma jwassalx ghall-estremi tar-reat ta' ragion fattasi.

Abbazi tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Gialadarba, din il-Qorti sejra ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba kontrih fl-isfond ta' l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess imputat sejjer ukoll jinstab mhux hati ta' reat kontinwat ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, wara li rat l-Artikolu 85(1) u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**Magistrat** **Deputat Registratur**